# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1184/2008/1 GM**

**Greenlines Environmental Services Limited (C-14868)**

**v.**

**Julian Falzon**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Julian Falzon kontra sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Marzu, 2019, fejn din laqgħet it-talbiet tal-kumpanija attriċi billi: (i) iddikjarat li t-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni EBA 235, illum GLS 017, huwa milqut b'difetti moħbija u serji li jġibuh mhux tajjeb għall-għan li għalih inxtara mill-

kumpanija attriċi mingħand il-konvenut; (ii) ħassret il-bejgħ tal-imsemmi trakk; (iii) ordnat lill-konvenut irodd lura lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €12,000 bħala parti mill-prezz li laħaq tħallas fuq dan il-bejgħ; (iv) ordnat li titħassar kull kambjala pendenti u dovuta dwar l-imsemmi bejgħ; (v) illikwidat d-danni mġarrba mill-kumpanija attriċi fis-somma ta' €2,195.67; (vi) ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-kumpanija attriċi s-somma totali ta' €14,195.67 bl-imgħaxijiet mill-jum tas-sentenza sad-data ta' meta jsir il-ħlas; u (vii) ordnat lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-27 ta' Novembru, 2008, il-kumpanija attriċi fissret li fit-13 ta' Ġunju, 2008, hija xtrat mingħand il-konvenut *tipping truck* tal-għamla Ford, bi krejn miegħu, bin-numru ta' reġistrazzjoni EBA 235, illum GLS 017, għall-prezz ta' €16,000. Spjegat li wara li seħħ dan il-bejgħ hija skopriet li dan it-trakk kien milqut b'difetti moħbija u serji li ma jagħmluhx tajjeb għall-għan li għalih intxara, tant li dan it-trakk ma setax jintuża aktar. Tenniet li minbarra dan, wara li xtrat it-trakk hija rriżultalha li d-deskrizzjoni tat-trakk ma taqbilx ma' dak li hemm imniżżel fuq il-*log book* tiegħu. Saħqet ukoll li hija kienet qiegħda ġġarrab danni kbar għaliex kellha tikri trakk ieħor sabiex twettaq ix-xogħol li kellu jsir bit-trakk li xtrat mingħand il-konvenut. Issoktat tgħid li hija ddepożitat it-trakk għand kunsinnatarju u sejħet lill-konvenut sabiex jersaq għat-tħassir tal-bejgħ billi jieħu lura t-trakk u jrodd lura l-prezz li tħallas lilu minnha. Madankollu,

il-konvenut m'għamel xejn minn dan.

3. Minħabba f'hekk, hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Tiddikjara illi t-trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni EBA 236 (illum GLS 017) hu milqut b'difetti moħbija u serji li jirrenduh mhux tajjeb għall-għan li għalih inxtara tant li ma jistax jintuża u li jeżistu diskrepanzi bejn it-trakk u d-deskrizzjoni li hemm fil-log book tal-istess trakk.*

*2. Konsegwentement tiddikjara rexiss u riżolut l-imsemmi bejgħ tat-trakk magħmul mill-intimat lis-soċjetà rikorrenti.*

*3. Tikkundanna lill-intimat sabiex jirrifondi lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000) rappreżentanti l-prezz ta' dan it-trakk.*

*4. Tordna illi jiġu mħassra u kanċellati kwalunkwe kambjali pendenti u dovuti dwar il-bejgħ ta' dan it-trakk.*

*5. Tillikwida d-danni kaġunati lis-soċjetà rikorrenti minħabba l-fatt li t-trakk mixtri minnha ma jistax jintuża sabiex isir ix-xogħol li nxtara għalih, u tillikwida wkoll l-ispejjeż li jridu jitħallsu lill-kunsinnatarju tat-trakk.*

*6. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjetà rikorrenti d-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru li ġie intavolat ma' dan ir-rikors kontra l-konvenut li ġie inġunt għas-subizzjoni.»*

4. Fit-22 ta' Jannar, 2009, ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu Julian Falzon fejn qal:

*«1. Illi t-tipping truck Ford mgħammar bi krejn bin-numru ta' reġistrazzjoni EBA 235, illum GLS 017 ma huwa milqut b'ebda difetti latenti.*

*2. Illi qabel il-bejgħ tal-vettura inkwistjoni, is-soċjetà attriċi kienet infurmata mill-attur bid-differenzi fid-deskrizzjoni bejn it-trakk u d-deskrizzjoni li hemm fil-log book tal-istess trakk bil-ftehim illi d-diskrepanzi li kien hemm jiġu regolarizzati mis-soċjetà attriċi akkwirenti tal-istess trakk.*

*3. Illi għal kull dannu soffert mill-istess trakk taħti għalih biss is-soċjetà attriċi b'konsegwenza ta' strapazz żejjed u użu ħażin tal-istess vettura.*

*4. Illi per konsegwenza, ma hemm l-ebda bażi li fuqha l-bejgħ tal-istess trakk għandu jiġi rexiss.*

*5. Illi l-kambjali pendenti u dovuti dwar il-bejgħ ta' dan it-trakk għandhom jibqgħu viġenti u jiġu infurzati stante li jirrappreżentaw ammont li għadu dovut mis-soċjetà rikorrenti versu l-konvenut rigward l-istess trakk.*

*6. Illi għar-raġunijiet esposti, l-ebda ħlas għal danni reklamati mis-soċjetà attriċi jew spejjeż imħallsa mis-soċjetà attriċi għall-kirja ta' trakk ieħor u spejjeż konċernanti l-kunsinnatarju tal-vettura inkwistjoni ma huma dovuti mill-konvenut.»*

5. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu, 2019, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża b'dan il-mod:

*«(1) tiddikjara li t-trakk EBA 235, illum GLS 017 huwa milqut b'difetti moħbija u serji li jġibuh mhux tajjeb għall-għan li għalih inxtara mill-attriċi mingħand il-konvenut.*

*(2) tiddikjara rexiss dan il-bejgħ.*

*(3) tikkundanna lill-konvenut jirrifondi €12,000 rappreżentanti l-parti mill-prezz li laħaq tħallas.*

*(4) tordna li jiġu mħassra kwalunkwe kambjali pendenti u dovuti dwar l-imsemmi bejgħ.*

*(5) tillikwida d-danni fis-somma ta' €2,195.67.*

*(6) tikkundanna lill-konvenut iħallas l-istess somma ta' €14,195.67.*

*Bl-imgħaxijiet mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv u bl-ispejjeż a kariku tal-konvenut.»*

6. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet il-kawża b'dan il-mod kienu dawn:

*«**(IV) KONSIDERAZZJONIJIET***

*Illi min jallega jrid jipprova u għalhekk sta għall-konvenut li jipprova li*

*x-xażi tgħawweġ minħabba użu ħażin mill-impjegati tal-attriċi. Dwar dan jistrieħ fuq ix-xhieda ta' David Pace, ex-impjegat tal-attriċi li wara li għaddew madwar sentejn mill-bejgħ u wara li kellu xi kwistjonijiet mal-attriċi, deherlu li kellu minn jeddu jmur jagħmel affidavit li fih saħansitra għadda ġudizzju kontra l-attriċi, għalkemm la mill-affidavit innifsu u lanqas mill-kontroeżami ma jirriżulta li ra xi impjegat juża t-trakk b'mod ħażin. Dan apparti li ġie kontradett bil-kbir minn John Callus, il-Buġi. Il-konvenut isostni li dan mhux fededenju għaliex kien għadu impjegat tal-attriċi iżda lanqas dan ma rriżulta veru;*

*Illi l-konvenut jeċepixxi, b'mod lakoniku, li ma kien hemm l-ebda difett moħbi. Jirriżulta mill-ittra elettronika tal-avukat tiegħu li qabel il-kawża allega li kienet kundizzjoni tal-bejgħ li x-xażi kellu jiġi nfurzat mill-attriċi. Wara li l-attriċi ċaħdet din l-allegazzjoni, il-konvenut biddel dak li jingħad fl-affidavit bi spjegazzjonijiet inverosimili għall-aħħar;*

*Illi mbagħad fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenut jispjega l-eċċezzjoni tiegħu li ma kien hemm l-ebda difett moħbi billi jiċċita l-Artiklu 1425 tal-Kodiċi Ċivili u jsostni li Zammit tas-soċjetà attriċi ħadet magħha persuna esperta (Rapinett), eżaminat it-trakk, u allura messha ndunat bid-difett. Issa Rapinett għalkemm għandu esperjenza tat-tħaddim ta' trakk simili, bl-ebda mod ma jista' jissejjaħ espert, kif qal huwa stess. Skont l-Artiklu 1425, "Il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom waħdu";*

*Illi mir-rapport tal-inġinier Magri, jirriżulta li t-trakk kien oriġinarjament refrigerated truck jiġifieri li wara kellu kaxxa-friġġ. Din tneħħiet u minflokha twaħħal il-krejn. Skont ir-regolamenti tal-ADT, din il-konverzjoni, billi hija waħda maġġuri, kellha tiġi ċċertifikata minn inġinier mekkaniku liċenzjat iżda meta staqsa għal dan iċ-ċertifikat il-konvenut ma pproduċihx;*

*Illi minħabba l-mod ġeneriku ta' kif ġiet ikkonfezzjonata l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' difett moħbi, din il-Qorti sejra tqis: (i) x'inhu difett moħbi u l-grad korrispondenti ta' diliġenza meħtieġa fix-xerrej u (ii) jekk id-diliġenza tistax titlob li x-xerrej iqabbad espert biex jeżamina l-ħaġa li jkun sejjer jixtri;*

*Illi skont l-Artikolu 1425 tal-Kodiċi Ċivili, "**il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti illi jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom <u>waħdu</u>**" – "**avrebbe potuto <u>da se stesso</u> conoscere**" kien jgħid it-test Taljan. Dispożizzjoni din oriġinali tal-istess Kodiċi, li qatt ma ġiet emendata jew mibdula. Sfortunatament, Dingli, il-conditor tal-Kodiċi, ma jgħid xejn dwar minn fejn ġieb din in-norma. Skont sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1959 –* ***<u>Gerada v. Attard</u>*** *- dan l-Artiklu jaqbel kelma b'kelma ma' dispożizzjonijiet analogi fil-Kodiċi Taljan u l-Kodiċi Franċiż. Il-Kodiċi Ċivili Franċiż, anke kif inhu llum wara emendi estensivi, jaqra hekk: "**Le vendeur n'est pas tenu des vices apparent et don't l'acheteur a pu se convaincre <u>lui-même</u>**" – u għalhekk baqa' identiku għall-Artikolu 1425. Il-Kodiċi Taljan tal-1942 biddel id-dispożizzjoni preċedenti li kien hemm fl-ewwel kodiċi ċivili*

*Taljan, u llum jaqra hekk: **"Non è dovuta la garanzia se al momento del contratto il compratore conosceva i vizi della cosa; parimenti non è dovuta, <u>se i vizi erano facilmente riconoscibili</u>, salvo, in questo caso, che il venditore abbia dichiarato che la cosa era esente da vizi"**;*

*Illi l-istess **<u>Gerada v. Attard</u>** tgħid li l-maġġoranza tal-awturi kemm Taljani kif ukoll Franċiżi li kkummentaw fuq din il-liġi jgħallmu li x-xerrej li ma jkunx jifhem huwa obbligat iqabbad espert; min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza Taljana u Franċiża kienet maqsuma fir-rigward. Imbagħad il-Qorti kkummentat hekk dwar il-ġurisprudenza Maltija: "…mill-eżami tal-ġurisprudenza tagħna wieħed jista' jirrikava illi l-idea prevalenti hi dik li, meta biex wieħed jasal biex jinduna bil-vizzju jkun hemm bżonn ta' għajn ta' espert, **<u>hemm il-vizzju anki jekk l-espert ma ġiex imfittex</u>**";*

*Illi minn żmien **<u>Gerada v. Attard</u>** sal-lum, minn riċerka li għamlet din il-Qorti, jidher li l-ġurisprudenza Maltija xejn ma kienet waħda konkordi, u s-sentenzi huma maqsuma bejn dawk li jgħidu li x-xerrej huwa obbligat jitlob l-assistenza ta' espert u dawk li jwieġbu fin-negattiv. Din il-Qorti taqbel mal-orjentament li x-xerrej mhux obbligat iqabbad espert, kif espress mill-Qorti tal-Appell f'**<u>Sanjic v. Cachia</u>** ppronunzjata fit-2014:*

> *«… din il-Qorti ma taqbilx mal-pożizzjoni li ħadet l-ewwel Qorti fir-rigward. L-ewwel Qorti qalet li d-difett ma kienx okkult peress illi, bi ftit attenzjoni, il-perit tal-atturi, u l-istess atturi, setgħu jindunaw li kien hemm xi ħaġa ħażina fis-saqaf ta' kamra tal-fond in vendita, u dan peress li, kif qal il-perit, kienet "stramba" kif kien hemm travu mas-saqaf ta' kamra żgħira.*
>
> *"Il-liġi, però, ma tesiġix li xerrej ta' fond jikkonsulta ruħu ma' perit arkitett biex dan jeżamina l-fond qabel ma jixtrieh. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża klassika in materja, dik bl-ismijiet **<u>Florian v. Desira</u>**, deċiża fid-9 ta' Gunju 1969… il-vizzju hu okkult jekk ix-xerrej ma setax ikun jaf bihom waħdu; in-natura, apparenti jew okkulta, ta' difett għandha tiġi kkunsidrata in rapport tal-kapaċità u konjizzjoni komuni tal-bnedmin u mhux biżżejjed biex id-difett jiġi ritenut apparenti, iċ-ċirkostanza li s-sussistanza tiegħu tista' tiġi rilevata minn bniedem tal-arti jew perit (ara Kollez. Vol. XXXV.i.307; Vol. XXXIV.ii.612; Vol. XXXVIII.i.279 u Vol XXXIX.ii.549). Din il-Qorti qalet b'mod ċar illi 'assistenza teknika filwaqt tax-xiri mhux meħtieġ'.*
>
> *"Din il-pożizzjoni hija sostnuta b'deċiżjonijiet oħra. Hekk, pereżempju, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **<u>Abela et v. Micallef et</u>**, deċiża fid-9 ta' Jannar 2012, qalet illi:*
>
>> *«In kwantu għan-natura okkulta tad-difett hu paċifiku mill-ġurisprudenza illi d-difett ikun moħbi meta ma jkunx faċilment reperibbli għal bniedem mhux tas-sengħa' (ara **<u>Josephine Mallia vs Emanuel Abela et</u>**", App Ċiv 1.06.2007)…»*
>
> *"Rilevanti wkoll huwa dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **<u>Dimech v. Camilleri</u>**, deċiża fid-29 ta' Marzu 2012 fis-sens li ġej:*

> *«Din il-Qorti tqis din is-sottomissjoni bħala irrilevanti għaliex it-test tal-Art.1425 huwa ċar u inekwivoku fis-sens illi dak li huwa rilevanti mhuwiex x'jgħid ħaddiehor sabiex id-difett isir apparenti (u allura ma jibqax moħbi) iżda l-kriterju determinanti huwa jekk ix-xerrej setax isir jaf bid-difett WAĦDU. Mela ladarba rriżulta li l-atturi ma setgħux jirriskontraw id-difett waħedhom għax ma kienx jidher (kif ikkonfermat l-istess konvenuta), huwa irrilevanti li magħhom kien hemm persuna teknika li setgħet tagħmel aċċertamenti oħra li kienu jmorru oltre s-sempliċi kostatazzjoni de visu.»*

*"Fl-istess sens hija s-sentenza li tat din il-Qorti fil-25 ta' Settembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet* ***Tabone v. Gauci****…".*

*Wara kollox huwa obbligu tal-venditur li jara li jbiegħ oġġett fi stat tajjeb. Hu jrid jaġixxi in bona fede u mhux jagħlaq ħalqu dwar ċerti kundizzjonijiet tal-istruttura. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża* ***Barbara v. Camenzuli****, deċiża fl-20 ta' Ottubru 2005:*

> *«F'każ ta' bini, huwa d-dover tal-venditur, anke jekk ma kienx hu l-kostruttur, li jara li l-bini jkun "tajjeb" għall-iskop li għalih se jinbiegħ, f'dan il-każ, ta' residenza. L-obbligu li jara li kollox hu sewwa u in regola hu mixħut fuq il-venditur u mhux fuq ix-xerrej li, ħlief għaċ-ċirkustanzi li jidhru ictu oculi għandu dritt iħalli f'idejn il-venditur dwar il-vijabilità tal-oġġett.»»*

*Illi l-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana stabbiliet li għalkemm il-grad ta' diliġenza li jrid juża x-xerrej ma jistax jiġi stabbilit fl-astratt imma jrid jitqies fiċ-ċirkostanzi parikolari ta' kull każ, dan ma jfisser qatt li jsarraf fil-ħtieġa li jiġi mqabbad espert.*

*…*

*Illi tabilħaqq, kif diġà ngħad, it-test tal-liġi Taljana m'għadux identiku għat-test Malti u għalhekk forsi ma jkunx għalkollox leċitu li ssir riferenza għal dak li jgħidu l-qrati Taljani fir-rigward. Għall-kuntrarju, it-test tal-liġi Franċiża baqa' identiku, minkejja t-tibdiliet radikali li saru fil-parti tal-obbligazzjonijiet ta' dak il-kodiċi, ispirat minn Napuljun Bonaparte. Il-pożizzjoni tal-ogħla Qorti Franċiża, dik tal-Kassazzjoni hi li x-xerrej m'għandux bżonn iqabbad espert, tant li nkassat deċiżjoni ta' Qorti li qalet bil-kontra għas-sempliċi raġuni li meta għamlet hekk, dik il-Qorti żiedet kundizzjoni li ma kinitx fil-liġi:*

> *«Ajoute à l'article 1642 une condition qu'il ne prévoit pas, l'arrêt qui reticent que le vice n'est pas cache lorsqu'il est visible par un homme d'art auquel l'acquerer d'un immeuble doit fair appel.»*

*Ikkunsidrat:*

> *"Illi kif osservat il-Qorti ta' Napli fil-kawża* ***Mari c Vlassoputo****, "la ricerca sulla natura dei vizii della cosa venduta, se cioè occulti o apparenti, deve essere fatta non solo con criterio obiettivo, ma altresì tenendo conto della pratica e delle cognizioni del compratore". S'intendi ma' dan il-kriterju għandu jkun hemm ukoll l-eżerċizzju tad-diliġenza ordinarja użata mill-kumpratur fl-eżami tal-ħaġa li jkun sejjer*

*jixtri; b'mod li, kif ikompli jinnota Ramella, 'da non potersi dire che abbia prodecuto negligentemente";*

*Ikkunsidrat:*

*Illi t-trakk inkwistjoni kien l-ewwel wieħed li xtrat l-attriċi u għalhekk ma kellhiex esperjenza fir-rigward. Għalhekk hija ħadet magħha lil Rupert Rapinett li kellu trakk simili. B'daqshekk ma jfissirx li kien espert imma kellu esperjenza ta' madwar għaxar snin ma' dan it-tip ta' trakk iktar minn Zammit. Zammit u Rapinett ma illimitawx ruħhom għal li jagħtu sempliċi daqqa t'għajn fuq fuq tat-trakk. Raw li l-gabina u l-kaxxa tat-trakk kienu jogħlew; "dakinhar il-high-up armajnieh", raw ix-xażi u l-bejjiegħ ħadhom dawra bil-trakk. "It-trakk kien tajjeb, pruvajnieh hemmhekk quddiemu, rikeb magħna hu". Ix-xhud ra li x-xażi kien kif suppost; ma kienx mgħawweġ. Wieħed ma jistenniex li min mhux espert jinduna, billi jħares lejh, li x-xażi kellu jkun irdubblat.*

*Skont il-konvenut stess, għamlu xi siegħa jispezzjonawh. L-attriċi qalet li ħadhom dawra fit-triq u wriehom il-high-up kemm jogħla. Rapinett qal: "Dort dawra miegħu, pruvajnielu l-gerijiet u l-high-up… Qlibnielu l-gabina biex iċċekkjajna l-magna. Ftaħnilu t-tapp taż-żejt u hekk. Minn taħt ittawwalt ukoll. Dawk hux. Il-high up ftaħnih";*

*Illi huwa minnu li Zammit, assistita minn Rapinett, ma ttestjatx il-load. Imma lanqas kieku ppruvawh għal ftit ħin ma setgħu jindunaw li x-xażi kien dgħajjef; u għalkemm Rapinett ħares lejn ix-xażi ma kienx sejjer jinduna li dan kellu xi difett. Lanqas l-inġinier Frederick Azzopardi – li hu espert - li ħareġ ċertifikat tal-OHSA wara li l-konvenut ikkonverta t-trakk u żebgħu, ma kien f'qagħda li jagħmel dan. Huwa rrimarka li kien diffiċli għalih li jeżamina sewwa x-xażi għaliex kien miżbugħ u dan jgħatti ċerti difetti, bħal xquq. Mistoqsi mill-avukat tal-konvenut jekk, miżbugħ jew le, ix-xażi huwa xi ħaġa li tarah, wieġeb hekk: "Imma x-xażi fih ċertu welding ukoll. Jiġifieri kieku jiena idealment mhux miżbugħ, imma ovvjament jidher". Azzopardi xehed ukoll li għamel it-testijiet dwar il-piż; u li meta għamel dan ma sab xejn ħażin; imma li f'test t'għaxar minuti ma jfissirx li se jitgħawweġ ix-xażi li aktarx jagħmel hekk wara ħafna żmien soġġett għall-istrapazz;*

*Illi għalhekk jirriżulta li Zammit għall-attriċi għamlet dawk il-konstatazzjonijiet dwar it-trakk li wieħed jistenna minn xerrej mhux espert, u li d-difett fit-trakk kien tali li mhux mistenni li Zammit, anke kif assistita, kellha tinduna bihom;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi l-attriċi allegat li kien hemm diskrepanzi bejn it-trakk u d-deskrizzjoni li hemm fil-log book tiegħu. L-attriċi xtrat Ford Cargo. Iżda l-inġinier Magri sab li għalkemm il-kabina kienet Ford Cargo, il-kumplament tal-vettura kien Ford D series. Il-konvenut ċaħad li kien Ford D series; mil-log book jirriżulta li hu Ford Cargo. Hekk ukoll ikkonkluda l-perit tekniku. Magri qal li l-body fuq il-log book kien għadu*

*mmarkat bħala refrigerated truck imma qal ukoll li dik jista' jkun għax ma saritx conversion mal-ADT iġifieri xi ħaġa li tiġri. Skont il-konvenut, il-konvenuta ma ppreżentatx id-Discrepancy Note u kien għalhekk li t-trakk baqa' rreġistrat bħala cargo refrigerator. Illi għalhekk m'hemm l-ebda irregolarità sinjifikanti bejn il-log book u t-trakk li seħħet b'xi tort tal-konvenut;*

*Ikkunsidrat:*

***(V) Danni:***

*Il-Kodiċi Ċivili jistipula hekk fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni:*

> *«**1429.** (1) Jekk il-bejjiegħ kien jaf bid-difetti tal-ħaġa mibjugħa, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun irċieva iżda wkoll li jħallas id-danni lix-xerrej.*
>
> *"(2) Jekk il-bejjiegħ ma kienx jaf bid-difetti tal-ħaġa, hu obbligat biss irodd il-prezz u jħallas lix-xerrej l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgħ.»*

*Illi mill-atti jirriżulta li l-konvenut kien jaf bid-difett;*

*Illi l-prezz kien ta' €16,000 li minnhom tħallsu €12,000 konsistenti fi tliet kambjali ta' €4,000 'il waħda;*

*Illi bħala danni, l-attriċi ppruvat li sofriet ħlasijiet lil terzi biex jagħmlu xogħol fdat lilha fl-ammont globali ta' €2,195.67;*

*Illi l-attriċi talbet ukoll bħala dannu l-prezz ta' trakk ieħor li kellha tixtri.*

*Dan iżda ma jistax jitqies bħala parti mid-danni.»*

7. Il-konvenut Julian Falzon appella minn din is-sentenza fit-22 ta' April, 2019 u ressaq aggravju wieħed fejn fih ilmenta li l-Ewwel Qorti ħaddmet il-liġi b'mod ħażin għall-fatti tal-każ u li hija żbaljat fl-għarbiel tagħha tal-provi.

8. Il-kumpanija attriċi wieġbet għal dan l-appell fis-16 ta' Mejju, 2023, u hemmhekk tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn hija temmen li l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud, fosthom billi qajmet in-nullità tal-appell

tiegħu minħabba li dan tressaq wara ż-żmien mogħti mil-liġi.

9. Inżamm smigħ fil-5 ta' Ottubru, 2023 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Qabelxejn, minħabba li fit-tweġiba tal-appell tagħha, il-kumpanija attriċi qiegħed tisħaq li l-appell tal-konvenut Falzon tressaq barra miż-żmien, ikun xieraq li l-ewwel tiġi mistħarrġa din il-preġudizzjali.

11. Fit-tweġiba tal-appell tagħha, il-kumpanija appellata tgħid li l-appell tal-konvenut kellu jitressaq fi żmien għoxrin jum mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, jiġifieri sas-17 ta' April, 2019. Hija tfisser li din il-ġurnata ma kinitx btala pubblika jew il-ġurnata tas-Sibt jew tal-Ħadd, u għalhekk iż-żmien ta' għoxrin jum biex jitressaq l-appell ma setax jitwal skont l-**Artikolu 108 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. B'hekk, ġaladarba l-konvenut ressaq l-appell tiegħu fit-22 ta' April, 2019, il-kumpanija appellata tisħaq li dan tressaq tard.

12. Din il-Qorti tqis li fiż-żmien li tressaq l-appell, l-**Artikolu 226 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** kien jgħid li l-appell għandu jsir fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Issa s-sentenza tal-Ewwel Qorti ngħatat fit-28 ta' Marzu, 2019,

filwaqt li l-appell tressaq fit-22 ta' April, 2019.

13. Mal-ewwel daqqa t'għajn wieħed jista' jaħseb li l-appell tressaq tard, peress li sar fil-ħamsa u għoxrin jum wara s-sentenza. Madankollu, meta wieħed jivverifika mal-kalendarju tas-sena 2019, wieħed dlonk jintebaħ li t-terminu perentorju ta' għoxrin jum kien jagħlaq fis-17 ta' April, 2019, li kien jaħbat l-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa.

14. Ir-**regolament 9 tar-Regolamenti Dwar il-Proċedura Ċivili (Regolament tar-Reġistri, l-Arkivji u l-Funzjonijiet tad-Direttur tal-Qrati (Għawdex) u Uffiċjali Eżekuttivi Oħra tal-Qorti) (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.21)** jgħid li fis-Sibtijiet, fil-btajjel pubbliċi, fosthom fil-ġurnata tal-Ħadd (ara l-**Artikolu 5(1) tal-Att Dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi Oħra**), u nhar l-Erbgħa u l-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa, ir-reġistri tal-qrati u tribunali ta' Malta għandhom ikunu magħluqa għall-preżentata tal-atti ġudizzjarji. Issa, l-**Artikolu 108 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jipprovdi li meta l-aħħar ġurnata ta' terminu legali taħbat f'xi waħda mill-ġranet hawn fuq imsemmija, allura dak it-terminu legali għandu jitqies li jiskadi fil-jum li jiġi minnufih wara, li ma jkunx wieħed minn dawk il-jiem. Fi kliem sempliċi, dak it-terminu legali jiġi li jagħlaq fl-ewwel ġurnata tax-xogħol li jkun imiss u fil-ħin li jagħlaq ir-reġistru tal-Qorti (ara ***AIC Joseph Xuereb nomine v. Dolores Gabriele*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju, 1993 u ***Alfred Debono et v. Joseph Debono et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru,

2017).

15. Kif rajna, f'dan il-każ it-terminu biex jitressaq l-appell kien jagħlaq nhar l-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa. Ladarba dakinhar ir-reġistru tal-Qorti kien magħluq minħabba l-Ġimgħa Mqaddsa sa jum l-Għid il-Kbir, jiġifieri sal-21 ta' April, 2019, mela allura dan l-appell seta jiġi ppreżentat sa nhar it-Tnejn, 22 ta' April, 2019, hekk kif fil-fatt seħħ (ara ***Paul Bilocca et v. Michele Bonavia et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) fid-29 ta' Frar, 2012). Isegwi b'hekk, li l-kumpanija attriċi mhijiex siewja meta hija tisħaq li dan l-appell tressaq barra minn żmienu.

16. Għalhekk, din il-preġudizzjali tal-kumpanija attriċi qiegħda tiġi miċħuda.

17. Ngħaddu issa biex inqisu l-aggravju waħdieni tal-konvenut Falzon fejn huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti mhux talli għamlet għarbiel ħażin tal-provi, iżda wkoll ħaddmet ħażin il-liġi għall-fatti kif interpretati minnha.

18. Il-konvenut jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu qies tal-konklużjonijiet milħuqa mill-espert maħtur minnha fid-deċiżjoni tagħha. Huwa jisħaq li skont l-Inġinier Emmanuel Scerri, li nħatar mill-Ewwel Qorti bħala perit ġudizzjarju, il-ħsara li ġarrab it-trakk mixtri mill-kumpanija attriċi nħolqot minħabba tagħbija żejda u mhux minħabba xi difett mistur. Jgħid ukoll li l-Inġinier Scerri sab li l-kaxxa tat-trakk tgħolliet minn 66

ċentimetru għal 138 ċentimetru wara li nbniet, liema sejba, skont il-konvenut, hija prova tat-tibdil li sar fit-trakk min-naħa tal-kumpanija attriċi sabiex din tkun tista' tgħabbih b'aktar piż. Kemm hu hekk, fil-fehma tal-konvenut, kienet din it-tagħbija żejda li wasslet biex it-trakk ġarrab ħsarat kbar fix-xażi tiegħu.

19. Il-konvenut jgħid ukoll li l-Ewwel Qorti ma messhiex tat aktar importanza lill-konklużjonijiet milħuqa mill-Inġinier Mario Magri, li ħejja rapport għall-kumpanija attriċi. Huwa jsostni li l-fehmiet tal-Inġinier Magri ġew imxejna mill-Inġinier Emmanuel Scerri u mill-Inġinier Frederick Azzopardi. Jgħid li dan tal-aħħar kien iċċertifika li t-trakk kien f'qagħda tajba għax-xogħol wara li l-konvenut wettaq xi xogħlijiet fuqu u bidlu minn trakk bi friġġ għal trakk bi krejn. Hekk ukoll, bil-kontra ta' dak li sab l-Inġinier Magri u dak li allegat il-kumpanija attriċi, il-konvenut jgħid li l-Inġinier Scerri kkonkluda li t-trakk seta' jitqies bħala tal-għamla *Ford Cargo*, hekk kif hemm imniżżel fis-*Certificate of Permanent Export* tiegħu.

20. Barra minn hekk, il-konvenut jilmenta li l-kumpanija attriċi ma kinitx siewja meta hija kkwotat mill-kontenut ta' ittra li ntbagħtet mill-avukat tiegħu. Huwa jisħaq li din l-ittra kienet intbagħtet fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju u li l-kumpanija attriċi kienet għamlet referenza għaliha biex tqarraq bl-Ewwel Qorti u tagħti l-impressjoni li l-konvenut kien ammetta għal dak li hija kienet qiegħda tallega fil-konfront tiegħu. Jgħid li kemm hu hekk, din l-ittra spiċċat biex issemmiet mill-Ewwel Qorti fis-sentenza

tagħha.

21. Il-konvenut issokta jgħid li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija xi mindaqqiet imżewqa b'konsiderazzjonijiet partiġġjani li jagħtu vantaġġ lill-kumpanija attriċi. Huwa jsostni li hekk kif l-Ewwel Qorti ppretendiet li huwa jġib prova tal-allegazzjoni tiegħu li x-xażi tat-trakk tgħawweġ minħabba użu ħażin tiegħu mill-impjegati tal-kumpanija attriċi, bl-istess mod hija messha applikat dak it-test fuq il-kumpanija attriċi, li min-naħa tagħha kellha l-piż li tipprova li d-difett fix-xażi kien diġà jeżisti fil-mument tal-bejgħ. Madankollu, skont il-konvenut, din l-Ewwel Qorti m'għamlitux u għalhekk spiċċat biex ippreġudikat il-pożizzjoni tiegħu għaliex fl-ebda waqt tal-kawża ma ġie ppruvat li t-trakk kellu l-ħsara fix-xażi qabel dan ġie mibjugħ lill-kumpanija attriċi. Kemm hu hekk, huwa jgħid li kull espert involut fil-kawża wasal għall-konklużjoni li t-trakk ġarrab ħsara kbira fix-xażi wara li sar il-bejgħ minħabba li ġie mgħobbi żżejjed u li x-xażi kellu jkun irdubblat biex ikun jiflaħ għal ċerta tagħbija.

22. Fl-aħħarnett, il-konvenut jisħaq ukoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis l-obbligu tax-xerrej li f'azzjoni redibitorja jagħti lura l-ħaġa mixtrija minnu skont l-**Artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili**. Ifisser li żmien sew wara li ngħalqu l-provi quddiem l-Ewwel Qorti u l-kawża tħalliet għas-sentenza, huwa ġie mgħarraf mill-pulizija li t-trakk inkwistjoni nsteraq mingħand il-kunsinnatarju li l-kumpanija attriċi kienet iddepożitat it-trakk għandu. Jgħid li minħabba f'hekk l-azzjoni redibitorja ma tista' qatt tipperfezzjona

ruħha għaliex jekk il-bejgħ tat-trakk jitħassar, dan tal-aħħar ma jistax jingħata lura lilu. Huwa jagħmel referenza għall-**Artikolu 1430(2) tal-Kodiċi Ċivili** u jtenni li ġaladarba t-trakk spiċċa b'aċċident, it-telfa tiegħu għandha tbatiha l-kumpanija attriċi, bħala x-xerrejja.

23. Din il-Qorti tqis li l-elementi tal-azzjoni ta' tħassir ta' bejgħ jikkonsistu f'bejgħ ta' ħaġa milquta b'difett li jkun: (i) gravi u serju; (ii) mistur; u (iii) diġà jeżisti fil-waqt tal-bejgħ. Biex jista' jingħad li d-difett ikun serju, irid jew ikun tali li, minħabba fih, il-ħaġa mixtrija ma tibqax aktar tajba għall-għan li għalih inxtrat (dan jissejjaħ difett gravi oġġettiv), jew inkella d-difett ikun tali li, kieku x-xerrej kien jaf bih, ma kienx iħallas għall-ħaġa daqskemm fil-fatt ikun ħallas biex jiksibha (dan jissejjaħ difett gravi soġġettiv) (ara ***Emanuel Fava v. Prof. John Mamo LL.D. noe et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru, 2003, ***Domenic Micallef et v. Mizzi Brothers Limited*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Settembru, 2011, ***Charles Gravina v. Adrian Muscat pro et noe*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju, 2013 u ***Avukat Peter Grima v. Andrew Cremona pro et noe*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2023). Għall-għanijiet tal-azzjoni redibitorja li ntgħażlet mill-kumpanija attriċi, dak id-difett irid ikun wieħed oġġettivament serju (ara ***Helen Micallef v. Godfrey Debattista et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ottubru, 2005).

24. Kif jgħid tajjeb il-konvenut appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, il-piż

tal-prova li d-difett tal-ħaġa mibjugħa kien jeżisti qabel il-bejgħ jaqa' fuq ix-xerrej li jallega dak id-difett. Madankollu, ix-xerrej mhuwiex obbligat jagħmel prova speċifika tad-difett li kellu l-oġġett minnu mixtri u huwa biżżejjed min-naħa tiegħu li jipprova li l-oġġett ma kienx tajjeb għall-użu tiegħu. Naturalment, din il-prova trid tkun waħda li tikkonvinċi lil min ikun qiegħed jiddeċiedi. Id-difett m'hemmx għalfejn ikun ta' xi gravità estrema imma hu biżżejjed li jkun wieħed serju fil-kuntest u l-perspettiva tal-każ (ara ***Neville Xuereb v. Michael Formosa Gauci*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar, 2006 u ***Avukat Dottor Anton Felice et v. Aplan Limited*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) fit-12 ta' Jannar, 2005).

25. Din il-Qorti tqis li l-konvenut appellant mhuwiex siewi meta jgħid li l-Ewwel Qorti ma ħaditx qies tal-konklużjonijiet milħuqa mill-Inġinier Emanuel Scerri, bħala l-espert ġudizzjarju li tqabbad minnha. Huwa minnu li l-Ewwel Qorti m'għamlitx referenza għall-konklużjonijiet tiegħu fil-konsiderazzjonijiet tagħha; madankollu huwa ferm ċar li l-Ewwel Qorti żammet quddiem għajnejha x'kienu l-fehmiet tal-espert maħtur minnha, tant li hija semmiethom meta spjegat il-fatti tal-kawża fis-sentenza tagħha.

26. Il-konklużjonijiet milħuqa mill-espert ġudizzjarju, Emanuel Scerri, dwar il-ħsarat li ġarrab it-trakk inkwistjoni kienu ċari:

i. il-krejn ġdid u l-mekkaniżmu li jaħdem bil-*hydraulic* biex titla' u tinżel il-kaxxa tat-trakk, li ġew installati fuq it-trakk min-naħa tal-konvenut appellant qabel sar il-bejgħ, tpoġġew qrib ħafna ta' xulxin, wara l-kabina tat-trakk. Kemm hu hekk, il-qasma jew qarsa li hemm fix-xażi tat-trakk tinsab fl-istess żona ta' wara l-kabina tat-trakk;

ii. qabel ma sar il-bejgħ, it-trakk kif mibdul mill-konvenut appellant ma ntiżinx vojt sabiex jiġi stabbilit il-*kerb weight* tiegħu, jiġifieri kemm huwa l-piż li jiflaħ iġorr it-trakk;

iii. meta sar it-tibdil fit-trakk min-naħa tal-konvenut ma sarx studju ta' kalkoli bażiċi biex l-*axle weight* ta' quddiem ma tinqabiżx u l-*GVW* ta' 6250 kilo, li hemm imniżżel fil-*log book* tat-trakk, kellha tiġi osservata; u

iv. it-trakk tgħawweġ għax ġie mgħobbi żżejjed u llum ma jistax jinstaq għax ix-xażi tiegħu huwa mgħawweġ.

27. Tant kienu ċari dawn il-fehmet tal-espert ġudizzjarju, li wara li huwa ppreżenta r-rapport tiegħu, ebda waħda mill-partijiet ma dehrilha li kellha tagħmillu xi mistoqsijiet in eskussjoni jew li titlob il-ħatra ta' periti addizzjonali. Wara kollox, kif jgħid tajjeb il-konvenut appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, l-inġiniera kollha li taw il-fehmiet tagħhom matul din il-kawża lkoll qablu li x-xażi tat-trakk tgħawweġ għaliex it-trakk ġie mgħobbi

żżejjed u x-xażi ma kienx irdubblat biex jiflaħ għal ċerta tagħbija.

28. Madankollu, huwa evidenti f'għajnejn din il-Qorti, li bil-kontra ta' dak li jisħaq l-konvenut appellant, il-kumpanija appellata għabbiet it-trakk iżżejjed mhux bi ksuħat, b'rieda ħażina jew bi traskuraġni iżda sewwasew għaliex meta l-konvenut wettaq it-tibdil fit-trakk biex jikkonvertieh minn trakk bi friġġ għal trakk bi krejn, huwa: (i) ma ħax ħsieb li jagħmel studju ta' kalkoli bażiċi biex l-*axle weight* ta' quddiem ma tinqabiżx; u (ii) ma saħħaħx ix-xażi biex dan ikun jiflaħ għall-krejn li ġie installat fuqu u għall-piżijiet li kapaċi jerfa' dan il-krejn. Minbarra dan, jidher ukoll li l-konvenut qiegħed il-mekkaniżmu li jaħdem bil-*hydraulic* biex titla' u tinżel il-kaxxa tat-trakk qrib wisq tal-krejn li huwa installa, liema fattur, skont l-espert ġudizzjarju, ukoll wassal biex ix-xażi tgħawweġ fiż-żona ta' wara l-kabina tat-trakk. Kienu dawn il-fatturi kollha, meta meqjusa flimkien, li wasslu biex ftit ġimgħat wara li sar il-bejgħ saret il-ħsara fix-xażi tat-trakk.

29. Minn dan kollu joħroġ bid-dieher li d-dgħufija fix-xażi tat-trakk kienet diġà teżisti meta seħħ il-bejgħ, minħabba l-mod ta' kif twettqu l-modifiki fuq it-trakk. Hekk ukoll, m'hemmx dubju li dan id-difett serju fix-xażi nħoloq minħabba n-nuqqas tal-konvenut appellant li jiżgura li t-trakk ikun f'qagħda tajba għax-xogħol wara li huwa wettaq it-tibdiliet fih. Huwa minnu li wara li saru t-tibdiliet, l-Inġinier Frederick Azzopardi kien spezzjona t-trakk inkwistjoni u ħareġ ċertifikat fejn qal li t-trakk kien f'kundizzjoni tajba għax-xogħol; madankollu fix-xhieda tiegħu quddiem l-

Ewwel Qorti huwa ammetta: (i) li meta jkollok xażi ta' trakk antik, bħalma huwa dak inkwistjoni, dan għandu jiġi rdubblat bħala prekawzjoni – ħaġa li ma saritx mill-konvenut; (ii) li x-xażi kien kollu miżbugħ, u allura jekk dan kellu xi difett, huwa ma setax jarah; u (iii) li l-eżami ta' għaxar minuti li huwa wettaq fuq it-trakk jaf ma kienx biżżejjed biex jiġi determinat jekk ix-xażi tat-trakk kienx tassew jiflaħ għall-piż li żdied fuqu minħabba l-krejn għaliex f'ċerti każijiet, trakk jurik li ma jiflaħx għal ċertu piż wara li jagħmel ċertu żmien jintuża.

30. Issa jekk l-Inġinier Frederick Azzopardi, li huwa espert fil-qasam, sabha diffiċli biex jispezzjona t-trakk u jsiblu d-difett li kien mistur, mela kemm kien aktar u aktar diffiċli għad-direttur tal-kumpanija appellata, Suzanne Zammit, li żgur mhijiex esperta, li tiskopri dan id-difett qabel xtrat it-trakk? Dan mhux każ fejn il-kumpanija attriċi kienet traskurata jew setgħet, bi ftit għaqal, tintebaħ waħedha li t-trakk kellu difett qabel xtratu. Kemm hu hekk, id-difett fit-trakk beda jidher biss wara li dan beda jiġi wżat mill-kumpanija attriċi.

31. Fuq kollox, l-**Artikolu 1425 tal-Kodiċi Ċivili** huwa ċar u inekwivoku fis-sens li l-kriterju determinanti biex il-bejjiegħ ma jweġibx għad-difetti li jidhru huwa jekk ix-xerrej setax isir jaf bid-difett waħdu. Tassew, għalkemm ix-xerrej irid juża l-għaqal ta' bniedem ordinarju meta jixtri oġġett u għandu jiftaħ għajnejh għal sinjali ċari ta' difetti, mhuwiex mistenni minnu li jeżamina fid-dettall dak l-istess oġġett jekk kemm-il

darba huwa ma jkunx bniedem tekniku jew tas-sengħa (ara ***Emmanuele Florian v. Rosario Desira*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ġunju, 1969, ***Josephine Mallia v. Emanuel Abela et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ġunju, 2007, ***Boguljub Sanjic et v. Scolastica Cachia*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2014 u ***Ronnie Camilleri et v. Belleview Supermarkets Company Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2013).

32. Hekk ukoll, huwa d-dmir tal-bejjiegħ li jara li jbiegħ l-oġġett fi stat tajjeb. Huwa għandu jaġixxi b'rieda tajba u mhux jagħlaq ħalqu dwar id-difetti li jkun hemm fl-oġġett mibjugħ. Darba li ġie stabbilit li d-difett fit-trakk kien wieħed serju u kien jeżisti imma moħbi fil-mument tal-akkwist, isegwi li l-Ewwel Qorti kienet siewja meta hija laqgħet it-talbiet tal-kumpanija attriċi biex jitħassar il-bejgħ tat-trakk u sabiex hija titħallas id-danni.

33. Din il-Qorti ma tarax li hija jeħtiġilha tqis l-ilment tal-konvenut dwar dak li kkonkluda l-espert ġudizzjarju fir-rigward tal-allegazzjoni mressqa mill-kumpanija attriċi li jeżistu diskrepanzi bejn it-trakk u d-deskrizzjoni tiegħu li hemm fil-*log book* tiegħu. Wara kollox, din ma kinitx ir-raġuni li wasslet lill-Ewwel Qorti biex tħassar il-bejgħ tat-trakk. Kemm hu hekk, l-Ewwel Qorti sabet li ma kien hemm l-ebda irregolarità serja bejn dak li jiddeskrivi l-*log book* u t-trakk innifsu, li seħħet b'xi tort tal-konvenut.

34. Hekk ukoll, din il-Qorti ma tħossx li hija għandha tistħarreġ fit-tul l-ilment tal-konvenut dwar affidavit ta' Suzanne Zammit fejn ikkwotat mill-kontenut ta' ittra li ntbagħtet mill-avukat tiegħu fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju. Għalkemm din l-ittra ssemmiet mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha fil-parti fejn hija fissret fi kliemha l-fatti li wasslu għal din il-kawża, minn qari tal-istess sentenza ma jidhirx li l-kontenut ta' din l-ittra kellu xi sehem, la żgħir u lanqas kbir, fil-kunsiderazzjonijiet magħmula u l-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti. Għalhekk, l-ilment tal-konvenut fir-rigward ta' din l-ittra ma jinftehimx. Terġa' u tgħid, l-ittra li dwarha l-konvenut isawwar dan l-ilment tiegħu ma ġietx imressqa fl-atti mill-partijiet u b'hekk din il-Qorti mhijiex f'qagħda li tikkummenta dwar jekk din intbagħtitx fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju jew le.

35. Fl-aħħar nett, jifdal li jitqies l-ilment tal-konvenut li t-tħassir tal-bejgħ tat-trakk ma jistax iseħħ minħabba li t-trakk insteraq mingħand il-kunsinnatarju li l-kumpanija attriċi ddepożitat it-trakk għandu, u b'hekk dan ma jistax jiġi ritornat lilu.

36. L-**Artikolu 1427 tal-Kodiċi Ċivili** jgħid ċar x'inhuma r-rimedji tax-xerrej meta l-oġġett mixtri minnu jkollu difett moħbi. Jista' jagħtih lura u jitlob ir-radd lura tal-prezz tiegħu, jew inkella jżommu u jitlob lura biċċa mill-prezz li jiġi stabbilit mill-Qorti. F'dan il-każ, għalkemm il-kumpanija attriċi talbet lill-konvenut biex jieħu t-trakk lura u jroddilha lura l-flus li hija kienet laħqet ħallset għalih, dan baqa' ma resaqx għat-tħassir tal-bejgħ u

b'hekk, b'ċedola ta' depożitu tas-27 ta' Novembru, 2008, il-kumpanija attriċi ddepożitat t-trakk taħt l-awtorità tal-Qorti billi ħallietu mal-kunsinnatarju David Pace.

37. Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut ma jistax jinqeda bin-nuqqasijiet tiegħu biex jippreġudika d-drittijiet mogħtija bil-liġi lill-kumpanija attriċi fil-vesti tagħha bħala xerrejja. Ġaladarba kienet l-għażla ħielsa tal-konvenut li ma jaċċettax it-trakk lura meta rriżulta li dan kien tassew milqut minn difett mistur li mhuwiex ta' natura ordinarja, allura issa huwa jkollu jbati l-konsegwenzi (ara ***Avukat Peter Grima v. Andrew Cremona pro et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2023). Min-naħa tagħha, il-kumpanija attriċi għamlet dak kollu li huwa mistenni minnha skont il-liġi, u għalhekk is-serqa tat-trakk mingħand il-kunsinnatarju mhijiex ta' xkiel biex il-bejgħ tat-trakk jitħassar. Wara kollox, il-kumpanija attriċi ma taħti xejn għal din is-serqa. F'kull każ, il-konvenut jibqagħlu ċ-ċans li jinforza d-drittijiet tiegħu billi jmexxi kontra kull min jista' jkun responsabbli għat-telfien tat-trakk inkwistjoni.

38. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, l-aggravju tal-konvenut qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-

appell tal-konvenut Julian Falzon.

L-ispejjeż tal-kawża, kemm dawk tal-ewwel grad u kif ukoll dawk marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut Julian Falzon.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da